# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

## Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 11 ta’ 2022, miżmuma nhar it-3 ta’ Awissu 2022, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u sbatax-il minuta ta’ filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Alfred Grima | San Pawl il-Baħar LC | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| • Stephen Cordina | Ħ’Attard LC | Membru |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | Membru |
| • Kyle Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| • Chris Grech | Mosta LC | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | Viċi President |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Preżenti wkoll kien hemm id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Kristina Camilleri

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Trevor Fenech | San Ġwann LC | Membru |
| • Stefan Cordina | Ħ’Attard LC | Membru |

1. AĠENDA

11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
11.3 Komunikazzjoni tal-President;
11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri;
11.5 Kumunikazzjoni
11.6 Rapporti;
11.6.1 Rapport tal-Bord ta l-għażla – Skrivan/a
11.7 Affarijiet oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Regjonali li jkunu meħtieġa;
11.7.1 SIA Update
11.7.2 Propjeta' Reġjonali
11.7.3 Waste Tender - update
11.7.4 MFA -Women football – Girls' event - Update
11.7.5 Gardening Course – update
11.7.6 Ħal Balzan – PA/03682/22
11.7.7 Health and Safety – Risk Assessment Tender
11.7.8 Waterford Cultural Visit – update
11.7.9 Turkey Cultural Visit – update
11.7.10 Street Art Festival – update
11.7.11 GIS
11.7.12 Jobsplus presentation (Mr Darren Muscat – Employment Advisor – Qawra Job Centre)
11.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
11.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet fis-18:17 mil-President, is-Sur Clifford Galea Vella.

## - Qari tal-ittri t' Apoloġiji

Is-Sinjuri Stefan Cordina u Trevor Fenech kienu skużati.

## - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

- Il-minuti tal-laqgħa numru 10 miżmuma f'Lulju 2022 ittieħdu bħala moqrija. Paul Vella ippropona li jkunu approvati u Clifford Galea issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Punti Mqajma:
Enemalta – John Buttigieg ippropona li se jerga' jikteb lid-DG u jitlob ghal decizjoni fid-dawl li tender huwa skadut. Il-membri qablu dwar dan qabel jittiehdu passi ohra.

### Komunikazzjoni mil-President

Il-President Clifford Galea qal Ii kienet inżammet laqgha ghand l-AKL mad-deputat parlamentari l-Hon Carabott li huwa il-Membru ta' l-Oppozizzonji responsabbli ghal Kunslli



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Lokali. Fil-laqgħa kien mitkellem il-problema li iktar ma jghaddi ż-żmien iktar qed jitnaqqsu id-drittijiet tal-kunsilli lokali u rabja li qed ihoss il-kunsilliera ghal din il-problema.

Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

Angelo Micallef ippropona li r-Reġjun jghin lill-Kunsilli b'numru ta' doggy bins. Anne Marie Muscat Fenech Adami issekondat il-mozzjoni. Is-SE intalab jara x'hawn fis-suq u jinforma lil-membri b'dan. Wara ser ikun diskuss x'fond jista' jsir.

– Komunikazzjoni

Pink October – Is-SE ppreżenta korrispondenza mill-Marigiold Foundation fejn dawn talbu li r-Reġjun ikun involut fil-Pink October u Movember. Il-membri diskutew din il-materja u pproponew li ssir mixija mar-Reġjun. Is-SE intalab jahdem fuq din u jfassal rotta.

GIS – Is-SE informa lill-membri li wara t-taħdidiet li saru mal PA, r-Reġjun ser ikollhom aċċess ghas-sistema tal GIS li ghandha l-PA. Chris Grech qal li dawn il-kunsilli ghandhom bzonnha hafna iktar. Is-SE qal li s'issa l-aċċess ser ikun għand ir-Reġjuni, la jasal dan, inkun f'pożizzjoni ahjar biex nassistu lill-Kunsilli, u anke nitolbu l-aċċess ghall-Kunsilli.

– Rapporti

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport ta' l-għażla sabiex tiddaħal impjegata ġdida taħdem mar-Reġjun fl-iskala ta' skrivana. Alfred Grima ippropona li r-rapport ikun approvat. Kyle Mifsud issekonda. Il-membri qablu unanimament.

– Affarijiet oħra

Propjeta' reġjonali: Alfred Grima ppropona li r-Reġjun Tramuntana l-ġdid jikkonferma d-deċiżjoni preċendenti, li jibda' jfittex biex jinvesti f'uffiċini tiegħu minflokk jikri. Għaldaqstant, fl-eventwalita' li l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar jakwista art fi Triq San Gorg, minghand l-Awtorita' ta l-Artijiet, ir-Reġjun jikkonsidera li jimxi f'sit imsemmi. Paul Vella issekonda il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Ħal Balzan – PA 03682/22 – Angelo Micallef qal li f'Ħal-Balzan hemm applikkazjoni fejn binja vicin San Anton, li qed ikun propost li din titwaqqa' u minflokk titla' binja li fija pool, kċina industrijali, bar u affarijiet ohra, li ma jmorrux mal-bżonnijiet taż-żona. Huwa qal li l-kunsill kien oġġezzjona ghal dan l-izvilupp. Talab lir-Reġjun jgħinu.

SIA (Social Impact Assessment) Study – Wara li saret il-laqgħa ma' l-Universita', l-Prof Andrew Azzopardi ntalab jattendi ghal-laqgħa tar Reġjun. Il-Prof Azzopardi ppresenta l-proposta ta' l-Universita'. In-nefqa għal dan l-istudju hija ta' €34,500. Il-membri staqsew numru ta' domandi lill-Professur, u dan ħa nota ta' dak mitlub.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

.

MFA Girls Football. Ir-Reġjun kien għen lill-MFA Women Football biex tittella’ attivita’ għas-26 ta’ Lulju. Din saret fil-ground tal-Imġarr u kienet milqugħa tajjeb hafna. Ħadu sehem madwar 45 tifla. Kien innutat li numru ta’ Kunsilli ma tantx taw kontribut.

Kors tal-Ortikultura. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-kors issa kien mfassal. Spjega li ser ikunu qed jitqassam poster lil-Kunsilli u issir formola ta’ applikkazjoni.

Health and Safety – Risk Assessment Tender. Paul Vella issekondat minn John Buttigieg ippropona li dan ghadu jkopri il-propjeta’ tal-kunsilli, ġonna, u faċilitajiet offruti mil-kunsilli, attivitajiet u bandli, public conveniences biss. Il-membri qablu. Is-SE intalab jaħdem fuq dan it-tender.

Tender tal-Iskart. Is- Segretarju Eżekuttiv qal li l-kawża intrebħet u għaldaqstant ser jitkompla il-proċess. It-talba ghall-offerti talaq fl-24 ta’ Awwissu. Il-bord ta’ evalwazzjoni kien iffurmat mid-Dipartiment tal-Kuntratti u m’hemm l-ebda membru maħtur mir-Reġjun. Tqajjmet il-mistoqsija dwar kemm huwa legali li jinħatar Bord ta' l-aġġudikazzjoni minghajr l-approvazzjoni tal-membri ta' l-istess regjun li jkun hareġ is-sejħa pubblika? SE wieġeb li dan qed jitmexxa mid DLG u Dipartiment tal-Kuntratti u ma jafx iewieġeb fuq dan.

Safar – Waterford Ireland – Din iż-żjara ser issir bejn id-9 u t-12 ta’ Settembru u ghaliha ser jitilghu l-President u s-SE, flimkien ma’ Paul Vella, Chris Grech, Trevor Fenech, Kyle Mifsud u Alfred Grima. Kien hemm membri ohrajn interessati iżda minhabba impenji ohra, dawn ma setghux jitilghu.

Turkey Cultural Visit – Ir-Reġjun kien ircieva korrispondenza mit-Turkija, u wera l-interess li jippartecipa ghal din l-istedina. Il-President u s-SE kien se jattendu, flimkien mal-membri Paul Vella, John Buttigieg, u Chris Grech. Kien hemm membri ohra interessati iżda minhabba impenji ohra dawn ma setghux jitilghu.

Street Art Festival – Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kellu laqgħa ma’ persuna li ħadmet bhala direttur artistiku ta’ festivals ta’ dan it-tip. Spejga li kien diskuss li r-Reġjun itella’ dan il-festival f’kull lokalita’ u se jipprova ttellghu attivita’ ta’ promozzjoni ghal din is-sena. Kif ikollu aktar dettalji u proposta konkreta, se jkun qed jippreżenta lill-membri.

Jobsplus – Darren Muscat mill-Jobsplus, għamel preżentazzjoni lir-Reġjun fejn spejga d-diversi servizzi li joffri Jobsplus.

## Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 152 kienet ippreżentata. Paul Vella ippropona li tkun approvata. John Buttigieg issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija.

Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Ħamis, 15 ta' Settembru 2022, fis-sitta ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Clifford Galea Vella | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum l-Ħamis, 15 ta' Settembru, 2022



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt